**MINUTI**

## Kumitat Amministrattiv Swatar

# Laqgħa Nru. 33/2017

Data: 31 ta' Lulju 2017

Hin: 5.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv, Pjazza Menqa, Msida

---

**Preżenti:** **Is-Sur Matthew Mangion - Chairperson**
**Is-Sur Emanuel Galea - Membru**
**Is-Sur Owen Attard - Membru**
**Is-Sur Michael Mifsud - Segretarju Eżekuttiv**

**Skużati:** **Is-Sinj. Deborah Galea - Membru**

**Assenti:** **Is-Sur Jimmy Zahra - Membru**

---

## AĠENDA

### Talba

### 33.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

Ic-Chairperson informa lill-Membri lis-Sinjura Deborah Galea hija indisposta minħabba li tinsab ma tiflaħx. Ghaldaqstant is-Sinjura Galea hija skuzata skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv qablu unanimament.

F'dan il-ħin, ic-Chairperson, is-Sur Matthew Magion, informa lill-Membri tal-Kumitat Amministrattiv lis-Sur Michael Mifsud ġie appuntant bhħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Huwa ta' merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid u

awguralu l-ħidma t-tajba. Mil-banda l-oħra s-Sur Magion irringrazzja lill-eks Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alan Vella tas-servizz tiegħu lejn l-istess Kumitat Amministrattiv

Ic-Chairperson ppropona lis-Sur Michael Mifsud bħala Segretarju Eżekuttiv filwaqt lis-Sur Emanuel Galea ssekonda lic-Chairperson. Il-Membri qablu unanimament.

## 33.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nru 32 u dawn l-istess minuti ittieħdu bħala moqrija.

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv approvaw il-minuti unanimament.

## 33.3 Korrezzjoni tal-Minuti tat-33 Laqgħa.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti

## 33.4 Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

33.4.1 Minuta 32.4.1 – Ic-Chairman spjega li l-Kumitat Amministrattiv għamel oggezzjoni għall-emendi li saru fuq l-applikazzjoni PA/01281/14 minħabba l-fatt li fil-proposta l-ġdida qed ikun skedat li jiżdiedu n-numru t'appartamenti tal-Housing iżda mhux qed tkunn ikkonsidrata wkoll li jiżdied l-ammont ta' parkeġġ. Huwa sahaq li ġaladarba ir-residenti tas-Swatar qed isibu diffikultajiet kbar għall-parkeġġ ikun denju jekk il-proposta sabiex jiżdied il-paekġġ tkun milqugħa. F'dan ir-rigward ic-Chairperson talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir laqgħa formali mal-Onorevoli Roderick Galdes.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

## 33.5 Kommunikazzjoni mic-Chairperson

33.5.1 Ic-Chairperson informa lill-membri li wasal iż-żmien sabies issir laqgħa formali mal-Onorevoli Sivio Parnis sabiex b'hekk ikun jista' jiġi diskussa l-finanzi tal-Kumitat tas-Swatar dan minħabba l-fatt li l-popolazzjoni u l-azjendi kummercjali zdiedu. F'dan ir-rigward l-ispejjes zdiedu wkoll.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament u s-Segretarju Eżekuttiv infurmhom li ser jibgħat emejl lill-Onorevoli Parnis sabiex isisr appuntament hekk kif qed ikun rikjest.

33.5.2 Ic-Chairperson ried ikun jaf fuq l-andament tal-progett rekrejattiv li ser isir fż-żona tat-Triq Balliju Guttenburg. F'dan il-ħin issejjħ l-eks Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alan Vella, sabiex jinforma lill-Kumitat b'dan il-proġett. Is-Sur Vella informa lil dawk preżenti li bħalissa ser jibda l-proċess tal-evalwazzjoni tat-tenders sabiex wara li jkun stabbillit min hu l-offerant magħżul jibda ix-xogħol hekk kif kien previst. Is-sur Vella nforma lill-membri li dan il-proġett għandu jitlesta sal-aħħar ta' dan is-sajf.

33.5.3 Ic-Chairperson indika wkoll li għandhom isiru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-periti ripettivi taż-żewġ Kunsilli, dak ta' B'Kara u l-Imsida, sabiex isir pjan ġdid ta' traffic management gewwa l-lokalita' tas-Swatar sabiex wara dan it-traffic Management ikun ppreżentat lil Transportmalta għal konultazzjoni magħhom.

Il-Membri qablu unanimament

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 t'Awwissu, 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15 ta' filgħaxija.

on behalf of

***Matthew Mangion***
*Chairperson*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:**